MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 133/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Vincent Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta` Frar, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` sitt mija u hamsin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm650.53), rapprezentanti kont li ghadu dovut tat-telefon in konnessjoni ma` n-numru 21444253, account number 10133245 u file number 8140/83 u liema servizz kien gie installat fil-fond 55, “Vinmar”, Triq il-Kazolani, Birkirkara, kif jirrizulta minn diversi dokumenti annessi ma` l-istess avviz u senjalati Dok. IZY1, IZY2, u IZY3.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Sema` lil Dr. Ingriz Zammit Young prodotta mis-socjeta` attrici tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Innota li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat u msejjah tlett darbiet biex jidher ghas-seduta ta` llum baqa` ma pprezentax ruhu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut Vincent Xuereb ihallasha s-somma ta` sitt mija u hamsin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm650.53), bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta` l-prezentata ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------